A.L. 49 ta' l-1988

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR

(ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1988 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, l-Aġent President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1988 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-6 ta' Mejju, 1988.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Pembroke Fażi III, limiti ta' San Ġiljan:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 537 sa 567 ta' madwar 5831.5 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 513 sa 536 ta' madwar 5217 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 481 sa 512 ta' madwar 5930 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 452 sa 480 ta' madwar 5530 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(v) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 259 sa 281 ta' madwar 4287.5 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(vi) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 257, 258 u 282 sa 305 ta' madwar 4901 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(vii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 239 sa 256 u 306 sa 323 ta' madwar 6616 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(viii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 324 sa 359 ta' madwar 6616 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ix) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 360 sa 409 ta' madwar 9017 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(x) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 410 sa 412 u 441 u 441 sa 443 ta' madwar 1550 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(xi) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 413 sa 440 ta' madwar 5244 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(xii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 444 sa 451 ta' madwar 1887 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Santa Lucia Fażi IV, Santa Lucia, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 80 sa 89 tal-kejl ta' madwar 1921 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Xlokk u Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

(ċ) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Tal-Plier, f'Ħaż-Żabbar, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 10 sa 14 tal-kejl ta' madwar 906 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Xlokk u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.